

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-1 ta' Ġunju 2016 – Grupu Bimbo vs EUIPO (Forma ta' virga b'erba' ċrieki)**

(Kawża T-240/15) <sup>(1)</sup>

**[“Trade mark tal-Unjoni Ewropea — Applikazzjoni għal trade mark tal-Unjoni Ewropea tridimensjonali — Forma ta' virga b'erba' ċrieki — Raġuni assoluta ta' rifjut — Assenza ta' karattru distintiv — Artikolu 7(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009 — Drittijiet tad-difiża — Artikolu 75 tar-Regolament Nru 207/2009 — Obbligu ta' motivazzjoni”]**

(2016/C 251/31)

Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol

**Partijiet**

Rikorrenti: Grupu Bimbo, SAB de CV (Messiku, il-Messiku) (rappreżentant: N. Fernández Fernández Pacheco, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (rappreżentanti: A. Muñiz Rodríguez u A. Schifko, aġenti)

**Suġġett**

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-EUIPO, tat-2 ta' Marzu 2015 (Każ R 1602/2014-1), dwar applikazzjoni għar-reġistrazzjoni ta' sinjal tridimensjonali kkostitwit mill-forma ta' virga b'erba' ċrieki bħala trade mark tal-Unjoni Ewropea.

**Dispożittiv**

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) Grupu Bimbo, SAB de CV hija kkundannata għall-ispejjeż.

---

<sup>(1)</sup> ĠU C 236, 20.7.2015.

---

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tas-26 ta' Mejju 2016 – Aldi Einkauf vs EUIPO – Dyado Liben (Casale Fresco)**

(Kawża T-254/15) <sup>(1)</sup>

**[“Trade mark tal-Unjoni Ewropea — Proċedimenti ta' oppożizzjoni — Applikazzjoni għat-trade mark tal-Unjoni Ewropea verbali Casale Fresco — Trade mark tal-Unjoni Ewropea verbali preċedenti FREZCO — Raġuni relattiva għal rifjut — Probabbiltà ta' konfużjoni — Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009”]**

(2016/C 251/32)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

**Partijiet**

Rikorrenti: Aldi Einkauf GmbH & Co. OHG (Essen, il-Ġermanja) (rappreżentanti: N. Lützenrath, U. Rademacher, C. Fürsen u N. Bertram, avukati)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (rappreżentant: H. Kunz, aġent)

Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-EUIPO: Dyado Liben OOD (Sofija, il-Bulgarija)

**Suġġett**

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-EUIPO, tal-11 ta' Marzu 2015 (Każ R 1138/2014-4), dwar applikazzjoni għar-reġistrazzjoni tas-sinjali verbali Casale Fresco bħala trade mark tal-Unjoni Ewropea.

**Dispożittiv**

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) Aldi Einkauf GmbH & Co. OHG hija kkundannata għall-ispejjeż.

---

<sup>(1)</sup> ĠU C 245, 27.7.2015.

---

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-31 ta' Mejju 2016 – Jochen Schweizer vs EUIPO (Du bist, was du erlebst.)**

(Kawża T-301/15) <sup>(1)</sup>

**["Trade mark tal-Unjoni Ewropea — Applikazzjoni għat-trade mark tal-Unjoni Ewropea verbali Du bist, was du erlebst. — Raġuni assoluta għal rifjut — Trade mark li hija kkostitwita minn slogan ta' reklamar — Assenza ta' karattru distintiv — Artikolu 7(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009"]**

(2016/C 251/33)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

**Partijiet**

Rikorrenti: Jochen Schweizer GmbH (München, il-Ġermanja) (rappreżentant: A. González Hähnlein, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (rappreżentanti: R. Pethke u M. Fischer, aġenti)

**Suġġett**

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-EUIPO, tad-9 ta' April 2015 (Każ R 3114/2014-4), dwar applikazzjoni għar-reġistrazzjoni tas-sinjali verbali Du bist, was du erlebst. bħala trade mark tal-Unjoni Ewropea.

**Dispożittiv**

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) Jochen Schweizer GmbH hija kkundannata għall-ispejjeż.

---

<sup>(1)</sup> ĠU C 270, 17.8.2015.